# Triq Sant' Anġlu

minn Joseph Mercieca

Din hija waħda mit-toroq ewlenin fiż-Żejtun u dari kienet aktar importanti għax kienet l-unika triq li minnha kont tista' taqbad it-triq lejn il-Kottonera jew Ħaż-Żabbar. Ħadet isimha mill-Knisja ta' Sant' Anġlu Martri, li hija propjetà tal-familja Testaferrata Bonici, li fiha jinsabu midfunin diversi membri tal-istess familja fosthom il-benefattur tal-Knisja Parrokkjali Girgor Bonici. Kienet triq li tibda minn ħdejn din il-knisja u tispiċċa ħdejn il-Kappella ta' San Klement. Illum wara l-mewt tas-Sindku Joe Attard, parti minn din it-triq, minn ħdejn l-Iskola Primarja sa ħdejn il-Kappella ta' San Klement ġiet imsemmija għalih. Fi tfuliti, l-ewwel parti bejn il-Knisja ta' Sant' Anġlu u Triq Santa Katerina, li hija l-aktar parti antika u kważi kollha kienet mibnija, waqt li t-tieni parti kienet għadha kollha għelieqi apparti l-bini tal-Iskola Primarja u xi żewġt irziezet ftit 'l isfel minnha.

## Id-dar tagħna u dik tan-nanna

Jien twelidt f'din it-triq fl-1943 u domt ngħix hawn sal-1965. Id-dar tagħna kienet iġġib in-Nru. 66, dik li tinsab in-naħa tax-xellug tad-dar fejn hemm illum il-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Aħna konna ħamest aħwa, tnejn minna tewmin, li wieħed minnhom miet ta' ħames xhur. Niftakar sew li qabel ma miet ħija, ġie d-dar tagħna l-Isqof Emmanuel Galea biex jamministralu l-Griżma tal-Isqof. Hawn f'din id-dar għixna u trabbejna bħala familja mal-ġenituri tagħna u minn hawn ħadna l-ewwel formazzjoni u edukazzjoni. Faċċata tad-dar tagħna kienet toqgħod in-nanna Rosaria armla, omm missieri, flimkien ma' bintha xebba z-zija Wenza. Id-dar tan-nanna kienet verament żgħira, żewġt ikmamar kbar fuq xulxin, kantina mdaqqsa, kċina u kellha wkoll magħha ġnien li gawdejnih sakemm fih bena l-ispiżjar Joseph Gerada qabel ma dan iżżewweġ. Il-ġnien tan-nanna kien għalina l-isbaħ playing field u post ta' avventura. Fih in-nanna kellha siġar tal-bajtar tax-xewk, tlett siġar tal-lewż kbar, tina selvaġġa, siġra taż-żinżel, u żewġ siġar tal-lariġ tal-bakkaljaw. Mas-siġar tal-

lewż missieri kien għamlilna l-bandla, u tgħidx kemm konna niġġieldu biex nitbandlu fuqha. In-nanna kienet trabbi f'dan il-ġnien it-tiġieġ, u f'kamra ċkejkna fir-rokna tal-ġnien kienet iżomm xi fenka biex tgħammarha. It-tiġieġ kienu jiġru mal-ġnien kollu u niftakar tajjeb in-nanna ssajrilhom in-nuħħala mħallta mal-biċċiet tal-ħobż fuq kenur tal-ġebel. F'dan il-ġnien kien hemm ukoll xelter tal-gwerra b'entratura mit-triq u oħra minn ġewwa.

**Il-Garaxx ta' Missieri**

Ftit passi mill-Knisja ta' Sant' Anġ, missieri kellu garaxx kbir fejn hu u sieħbu Nazzareno Cachia 'Tal-Patrun' kienu jdaħħlu x-xarabanks tagħhom. Dan il-garaxx missieri kien bnih fuq biċċa art imdaqqsa, li ħa b'kera ftit wara l-gwerra mingħand il-Markiż Testaferrata. Qabel ma' missieri ħa f'idejh din il-propjetà, matul il-gwerra kienet f'idejn il-militar b'numru ta' suldati fiha. Magħha kellha numru ta' mħażen kbar li aktarx fl-imgħoddi l-membri tal-familja Testaferrata kienu jżommu fihom il-kaless, il-karettun, żwiemel u xi bhejjem. Waħda minn dawn il-kmamar kellha bieb żgħir għat-triq, fejn meta twaqqgħet din il-binja biex tinfetaħ it-triq, Vjal il-25 ta' Novembru, taħt l-għatba ta' dan il-bieb instabet moħba bi flus tad-deheb u tal-fidda. Dan it-teżor ra d-dawl tax-xemx, appena l-ħaddiem tal-gvern bil-bulldozer, neħħa l-għatba ta' dan il-bieb. Dan kien għal xi siegħa u nofs ta' waranofsinhar, eżattament xħin it-tfal tar-Raħal ta' Fuq kienu sejrin lejn l-iskola. F'daqqa waħda kulħadd sar jaf b'din is-sejba u f'kemm ili ngħidlek kulħadd beda jfittex biex isib xi munita. Niftakar li n-nies baqgħu jfittxu sa tard filgħaxija iżda ħadd aktar ma sab xi ħaġa għax kull min sab dawn il-flus kien ħarab bihom. Illum flok din il-binja, flimkien ma' żewġt idjar oħra, minn din it-triq għamlu l-wesgħa biex tinfetaħ triq ġdida li kien hemm tassew bżonnha u hekk jiġi evitat it-traffiku, li qabel biex joħroġ miċ-ċentru taż-Żejtun, kellu jgħaddi bilfors mir-Raħal ta' Fuq lejn Bir id-Deheb.

**Il-Ġirien**

Madwarna kellna ġirien kollha nies tal-affari tagħhom. Familji miġburin f'darhom imma dejjem lesti li jgħinu lil xulxin. Kien hemm familji bi tfal akbar minna u għalhekk ma kienux jitħalltu magħna fil-logħob tat-triq. Kien hemm ukoll nies rispettati miż-Żwieten kollha għax kien jaħdmu għall-ġid tal-komunità bħala ma kienu l-ispiżjara Gerada, kemm il-missier u kemm l-iben u Missa Caruana Maria Stella li kienet għalliema ħabrieka kemm fl-iskola kif ukoll waqt il-lezzjonijiet tal-privat, fid-dar tagħha. Ma rridx ninsa nsemmi wkoll lis-Sinjorina Polly membru tal-familja Curmi u s-Sur Tommy Debono, li b'mod volontarju kienu jgħinu u jagħtu pariri b'xejn lil min kien iħabtilhom il-bieb. Miss Polly ukoll għamlet żmien tieħu ħsieb il-kampanja tal-Poppy Day fiż-Żejtun. Iżda ma' dawn kien hemm ukoll familji komuni bit-tfal bħalna u daqsna fl-età. F'waħda mid-djar kbar ħdejna, li konna nsibuha bħala l-Kerrejja kien hemm fiha familji ta' refuġjati li ġew minn Bormla fi żmien il-gwerra u baqgħu hemm sakemm jew emigraw lejn l-Awstralja jew sabu dar oħra fiż-Żejtun jew marru lura lejn Bormla raħal twelidhom.

F'din it-triq għal xi snin kienu joqgħodu erba' saċerdoti. L-ixjaħ wieħed kien Dun Nazzarenu Curmi (1879 – 1946), li jiġi ħu Ġużeppina Curmi, il-fundatriċi tas-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu. Kien jgħix man-neputijiet tiegħu. Huwa kien devot kbir ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, fil-fatt mhux biss ħalla statwa ta' din il-qaddisa mal-kantuniera tal-Knisja tal-Ispirtu s-Santu imma għamel wkoll snin matul ħajtu jitlob lill-ġenituri biex isemmu waħda minn uliedhom bniet għal Santa Tereża. Personalment li niftakar ċar fuq dan is-saċerdot huwa l-funeral tiegħu, f'tebut merfugħ fuq l-ispalel, għaddej minn taħt il-gallerija tad-dar tagħna lejn il-Knisja Parrokkjali. It-tieni saċerdot huwa Dun Manuel Gerada, iben l-ispiżjar Onorato u ommu s-Sinjura Katie nee Cannataci. Wara li sar saċerdot fl-1943 mar jistudja fl-Università Gregorjana ġewwa Ruma u wara beda l-missjoni tiegħu fid-diplomazija li ħaditu f'bosta pajjiżi madwar id-dinja, bħall-Eġittu, l-Indja, l-Irlanda, il-Ġappun, il-

Messiku, El Salvador, il-Gwatemala u l-Pakistan. Wara dan kollu nħatar isqof awżiljarju f'Malta ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. It-tielet saċerdot kien Dun Pantaleone Orland, li qabel ma sar kappillan ta' Ħal Kirkop fl-1952, kien joqgħod f'din it-triq kantuniera ma' Triq l-Ispirtu s-Santu. Minn Ħal Kirkop mar kappillan Marsaxlokk u fl-aħħar inħatar Arċipriet taż-Żejtun bejn l-1963 u l-1978. Wara ġie nominat Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina.

Ir-raba' saċerdot kien Dun Karm Galea li twieled fl-1922 u miet fl-1990. Dun Karm flimkien ma' ommu Katarin kien joqgħod f'dak l-isqaq li llum iġib l-isem 'Mogħdija Tarċisju Cassar' li nfetaħ u sar jwasslek fil-pjazza tas-Suq. Dun Karm ftit wara li sar saċerdot mar joqgħod ir-Raħal t'Isfel qrib il-Knisja tas-Salvatur li tagħha kien prokuratur.

**Min kien jgħaddi minn din it-triq?**

Din it-triq kienet kwieta għalkemm minnha kienu jgħaddu n-nies f'ħinijiet regolari tal-ġurnata. Filgħodu kmieni kienu jgħaddu n-nies tat-Tarzna biex jirkbu l-karozza tal-linja minn ħdejn l-Iskola Primarja u wara lura lejn djarhom għall-ħin tal-4:30p.m. Kienu jgħaddu t-tfal tal-iskola, dawk kollha li kienu joqgħodu r-Raħal ta' Fuq. Dawn kienu jgħaddu ftit wara t-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar, fis-1:30p.m. u fl-4:00 ta' waranofsinhar. Matul il-ġimgħa l-aktar filgħodu kienu jgħaddu l-bejjiegħa bil-karettuni tal-idejn jew bil-prammijiet. Niftakar ukoll il-bejjiegħa tal-ħalib tal-mogħoż jaħilbu l-ħalib fil-bottijiet tar-residenti. Karozza ftit li xejn kienu jgħaddu għalkemm it-triq fi tfuliti kienet two way. Darba waħda bi żball daħlet karozza tal-linja ta' Bormla, li kienet qed taħdem bħala private bit-tfal tal-iskola ta' De La Salle. Ix-xufier xħin sab Triq Santa Katerina magħluqa daħal fi Triq Sant' Anġlu bil-ħsieb li jkun jista' jwassal it-tfal fil-Pjazza ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Iżda dan daħal fi Triq Sant' Anġ bla ma jaf li t-triq kienet dejqa. Spiċċa u kellu jieqaf eżattament quddiem id-dar fejn jinsab il-Kunsill Lokali. Bi tbatija kbira saq b'lura għal ġewwa Triq l-Ispirtu s-Santu u wara għadda minn Triq il-Kostituzzjoni u dar lejn il-Pjazza. Dak iż-żmien, tajjeb li

wieħed ifakkar, li jekk inti tkun ġej minn Triq Bormla u ssib Triq Santa Katerina magħluqa, l-uniku aċċess għall-Pjazza kienet minn Triq San Klement u wara għal Triq Santu Wistin.

Minn din it-triq kważi kuljum, filgħodu jew kmieni waranofsinhar, kienu jgħaddu l-merħliet tal-mogħoż, li kienu jiġu min-naħa Ta' Tavlin, biex jeħduhom jirgħu lejn l-għelieqi fit-triq ta' Ħal Tarxien jew fit-triq ta' Bormla. Kont tismagħhom ġejjin appena jaslu quddiem il-Knisja ta' Sant' Anġ, iċekċku l-qniepen jew il-ġnieġel li kienu jġorru m'għonqhom. Magħhom kien ikollhom min imexxihom u spiss kont tisma' leħnu biex jimxu jew biex ma jiklux xi karta jew xi ħaġa oħra li tkun mal-art. L-unika ħaġa li kienet iddejjaq lir-residenti tat-triq, kienet il-kwantità ta' redus jew r-riħa tinten ta' awrina li dawn il-mogħoż kienu jħallu warajhom fit-triq.

**It-Triq tal-Purċissjonijiet**

Din il-parti tat-Triq Sant' Anġlu kienet id-dawra komuni tal-purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-Knisja Parrokkjali. Fi tfuliti kienu jsiru aktar purċissjonijiet milli jsiru llum. Hekk niftakar il-purċissjonijiet tal-festi ta' San Ġużepp, ta' San Mikiel, Taċ-Ċintura, Tad-Duttrina, Tar-Rużarju, Tal-Karità, ta' Corpus Christi filgħodu u filgħaxija, tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira u ankè dik ta' Santa Katerina, li wara tneħħiet fi żmien l-Arċipriet Brincat. Fil-festa ta' Corpus Christi dawk ir-residenti li kellhom il-ġonna nitfakarhom iferxu mal-art fit-triq u jagħmlu bħal tapit bil-fjuri u l-weraq tas-siġar biex minn fuqhom jgħaddi ċ-ċelebrant li kien iżomm lil Ġesù fl-Ewkaristija. L-uniċi purċissjonijiet li qatt ma għaddew minn din il-parti tat-triq kienu, dik tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Ħadd il-Palm.

**Skola Primarja u Ħwienet**

F'din it-triq, ftit passi mill-Kunsill Lokali, hemm dar kbira propjetà tal-familja Debono, li għamlet xi żmien tintuża bħala skola primarja tal-gvern. Din bdiet tintuża

bħala skola taż-żgħar, għax wara l-gwerra twieldu aktar tfal kif ukoll għax bdiet isseħħ il-liġi ġdida tal-edukazzjoni, li kull wild kellu jmur l-iskola sakemm jagħlaq erbatax-il sena. Fl-istess żmien meta l-iskola primarja tal-gvern ma kellhiex biżżejjed klassijiet u l-gvern beda jikri djar kbar biex jintużaw bħala skejjel żgħar. F'dan l-istess żmien kien beda wkoll ix-xogħol tal-bini tat-tieni sular tal-Iskola Primarja. Din l-istess dar intużat ukoll għal darba darbtejn bħala Post tal-Votazzjoni. F'dak iż-żmien sid din l-istess dar, is-Sur Tommy Debono, kien ħareġ bħala kandidat għall-elezzjoni ġenerali mal-Partit Nazzjonalista, iżda qatt ma ġab il-voti meħtieġa biex ikun membru fil-parlament.

Sakemm domt ngħix f'din il-parti tat-triq, niftakar li kellna żewġ ħwienet tal-merċa, wieħed kien ta' Ċensa Abela 'Tas-Sinnu' u l-ieħor kien ta' Karmena Gatt 'Ta' Vestru'. Din tal-aħħar kellha wkoll għall-bejgħ prodotti tal-ikel għat-trobbija tat-tiġieġ, ħamiem jew fniek. Dari fi tfuliti ħafna familji kienu jrabbu ftit minn dawn l-annimali f'xi gallinar ġewwa l-bitħa, fuq xi bejt jew fil-ġardina tad-dar tagħhom. Aħna wkoll kellna gallinari kemm mad-dar kif ukoll mal-garaxx ta' missieri. Imbagħad fit-tarf ta' din it-triq kien hemm il-ħanut tax-xorb ta' Ġużeppi Farrugia 'Tar-Romblu'. Nixtieq insemmi wkoll il-ħwienet tax-xogħol, bħal dawk ta' Ġużeppi Cardona, li kien isewwi kull kwalità ta' muturi jaħdmu bil-petrol jew bid-dawl, il-ħanut tax-xogħol ta' Wenzu Cassar il-landier u dak ta' Fortunato Pulis li bħala part-time kellu ħanut ta' mastrudaxxa. Qrib dawn il-ħwienet kien hemm maħżen kbir, li fih ċertu anzjan imlaqqam 'in-Nokklu' kien iżomm kwantità ta' għamara u fajjenza għall-bejgħ.

**Il-Logħob tat-Triq**

F'din il-parti tat-triq ma kienx jonqos il-logħob ta' bejnietna t-tfal. Konna nilgħabu fid-dar bil-ftit toys jew pupi (min kellu) imma ma kienx jonqos ukoll il-logħob tat-triq fejn it-tfal kienu jfittxu r-rikreazzjoni ma' sħabhom wara l-ħin tal-iskola filgħaxija u fil-vaganzi matul is-sena. Konna nilgħabu l-ballun f'dik il-parti tat-triq wiesgħa fejn illum hemm il-Kunsill Lokali. Ħadd ma kien itellifna. Konna nieqfu l-

aktar meta kien jasal xi karettun jew xi mara bil-pramm għax karozzi dak iż-żmien ftit li xejn kienu jgħaddu. L-aktar li konna nibżgħu meta kien jidher xi pulizija għax kien joħdilna l-ballun. Konna nilgħabu 'Gwerra Franċiża', il-passju, suldati u priġunieri, il-ħarba, il-boċċi, iż-żibeġ, l-aktar fost it-tfal bniet, tal-ħanut fuq xi għatba għolja b'żewġ tarġiet, bit-tlielaq tal-iskejz jew karretti magħmulin b'injam u b'roti tal-borrejs, kif ukoll il-logħob tal-biljard magħmul fuq biċċa injama ċatta, li konna nwaqfuh fuq kaxxa tal-injam tas-sapun jew tal-luminata. Għamilna żmien ukoll nirreċtaw u nippruvaw nimmitaw dak li konna naraw fuq il-palk fis-swali tad-Domus jew tal-Banda Beland. Dawn ir-reċti qosra konna nagħmluhom fil-kantina tan-nanna Rużarja quddiem udjenza ta' tfal oħra. Niftakar ukoll konna nilgħabu tal-knisja u norganizzaw xi purċissjoni fl-isqaq ta' Ċensa tas-Sinnu. Konna nivvintaw il-logħob, nivvintaw oġġetti biex nilgħabu bihom u fuq kollox dejjem kuntenti u konna nafu nieħdu pjaċir b'kollox.

**Żvilupp Ambjentali**

F'din it-triq matul is-snin ma tantx sar żvilupp ambjentali. L-uniċi żviluppi kienu l-ftuħ ta' Pjazza Carlo Diacono, Vjal il-25 ta' Novembru, id-dar tal-ispiżjar Joe Gerada, quddiem il-Kunsill Lokali, u l-bini ta' żewġt idjar (quddiem Triq San Franġisk) li kienu waqgħu fil-gwerra u żewġt idjar oħra ġodda maġenb dawn fl-għalqa ta' Pawlu tas-Sinna. Żvilupp mhux mixtieq sar mill-ġonna, li kellhom dawk id-djar il-kbar f'din it-triq, li ġew żviluppati u mibnija wara li nfetħet Vjal il-25 ta' Novembru.

Illum il-ġurnata Triq Sant' Anġlu għadha hemm. Ħafna min-nies ta' tfuliti m'għadhomx magħna. Kull meta ngħaddi minn hemm nosserva d-djar vojta u mitluqa. Pront jgħaddili l-ħsieb minn moħħi x'ħasra u x'abbandun! Mur ġib it-tali kieku kellu jara x'ġara minn daru! It-triq għadha pjuttost kwieta, mhux biss għax naqsu l-inkwilini imma wkoll għax infetħu toroq ġodda u t-traffiku għandu toroq alternattivi biex imur lejn Bormla, Ħaż-Żabbar, Ħal Tarxien, Bir id-Deheb jew iċ-ċentru taż-Żejtun.